

## TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (seduta plenarja) tal-24 ta' Ġunju 2008 — Andres vs BĊE**

(Kawża F-15/05) (¹)

*(Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Remunerazzjoni — Konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal tal-BĊE — Metodu ta' kalkolu tal-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet — Eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti Komunitarja — Retroattività)*

(2008/C 260/34)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Carlos Andres et (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)  
[rappreżentanti: G. Vandersanden u L. Levi, avukati)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: C. Zilioli u K. Sugar, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukati)

### Suġġett

Minn naħa wħħda, l-annullament tad-dikjarazzjonijiet tas-salarju tar-rikorrenti tax-xahar ta' Lulju 2004, safejn dawn jinklu du żieda fis-salarju stabbilita billi ġie applikat metodu ta' adattament annwali tas-salarji allegatament illegali u din iż-żieda mhi-jex applikata retroattivament għas-snin 2001, 2002 u 2003 kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għad-danni

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud
- 2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 132, 28.5.2005, p. 32 (kawża oriġinarjament irregestrata fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-131/05 u ttransferita lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea b'digriet tal-15.12.2005).

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) ta' 1-10 ta' Lulju 2008 — Cathy Sapara vs Eurojust**

(Kawża F-61/06) (¹)

*(Uffiċjali — Membri tal-persunal temporanju — Reklutaġġ — Perijodu ta' prova — Estensjoni tal-perijodu ta' prova — Tkeċċija fit-tmiem tal-perijodu ta' prova — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Abbuż psikoloġiku)*

(2008/C 260/35)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Cathy Sapara (L-Aja, l-Olanda) (rappreżentanti: G. Vandersanden u C. Ronzi, avukati)

Konvenuta: Eurojust (rappreżentant: L. Defalque, avukat)

### Suġġett

Minn naħa, annullament tad-deċiżjoni ta' EUROJUST tas-6 ta' Lulju 2005 li ttemm il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju fit-tmiem tal-perijodu ta' reklutaġġ tiegħu u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 165, 15.7.2006, p. 35.